MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tas-6 ta' Marzu, 2006

Numru 324/2004

Il-Pulizija
(Sp Edel Mary Camillei)
vs
Roger De Gaetano, iben George,imwieled Sliema fl-10 ta' mejju,1960
u
Gillian De Gaetano, bint Carmel Wismayer, imwielda Sliema fl-10 Ta' april, 1965

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli fl-20 ta' marzu, 2004 u fid-dati ta' wara, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda –
Ħadu f'idejhom xi funzjoni pubblika, sew ċivili jew militari, mingħajr ma għandhom jedd għaliha u eżerċitaw xi att ta' dik il-funzjoni.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tas-7 ta' mejju, 2004 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta' l-imputati bil-ġurament.

Semgħet lill-avukat ta' l-imputati u lill-prosekuzzjoni.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fid-19 ta' marzu, 2004 l-imputati kienu ħdejn il-lukanda Intercontinental, San Ġiljan u hemmhekk raw partita nies. Huma daħlu fil-lukanda u staqsew x'kien qed jiġri. Ġew infurmati li kien hemm conferenza ta' 'tour operators' u skond il-versjoni tagħhom il-persuna li kellmu nformathom li l-Malta Tourism Authority (MTA) kienet qed tieħu ħsieb dan il-grupp li kien imqassam fi tlett lukandi oħra fl-akkwati. Dak in-nhar huma ma għamlu xejn.

Illi jirriżulta li l-imputati huma l-proprjetarji ta' skola li tgħallem il-lingwa ngliza lill-persuni ta' nazzjonalita' barranija. Billi l-għada, 20 ta' marzu, 2004 kien is-sibt u huma ma setgħux jikkomunikaw mal-uffiċċju tal-MTA ħadu l-inizjattiva li jmorru l-uffiċċju tagħhom u ppreparaw enveloppes bil-'brochures' tal-iskola tagħhom. Għalhekk, huma marru l-Intercontinental u wara li ħallew dawn l-enveloppes bil-materjal pubbliċitarju hemmhekk daru l-lukandi l-oħra kollha. F'kull waħda minn dawn il-lukandi huma talbu lir-receptionist biex iqassmu dan il-materjal li kien jikkonsisti f'enveloppe A4, bil-materjal ġo fih. Tali enveloppe ma kienx magħluq u f'kull enveloppe kien hemm il-'visiting card' ta' l-imputat 'stapled' fuq barra.

Illi ftit granet wara l-imputati ġew infurmati li dawn it-'tour operators' kien ġew Malta għaliex mistiedna minn soċjeta' kompetitriċi ta' l-imputati. Jirriżulta li kien hemm skambju ta' korrispondenza u l-imputati skużaw ruħhom ta' l-akkadut.

Illi l-kwistjoni ma spiċċatx hemm għaliex wara li saret investigazzjoni da parti ta’ l-MTA, kien hemm allegazzjoni li l-imputati biex setgħu jqassmu dan il-materjal pubbliċtarju spaċċjaw ruħhom bħala mpjegati tal-MTA.

Illi saret kwerela da parti tal-MTA biex il-pulizija tinvestiga dan il-każ u skkond il-pulizija rriżulta li fil-fatt l-imputati spaċċjaw ruħhom bħala mpjegati tal-MTA.

Illi l-prosekuzzjoni pproduċiet diversi xhieda dwar dan il-fatt iżda xhud waħda biss kienet kategorika u asseriet li l-imputati qalu li huma kienu mpjegati tal-MTA. Ix-xhieda l-oħra prodotta jew ma semgħux dan il-kliem jew kienu ambigwi fix-xhieda tagħhom. Min-naħa ta’ l-imputati huma dejjem ċaħdu anki fl-istqarrija li rrilaxxaw lill-pulizija. Huma xehdu li kienu midħla ta’ dawn il-lukandi u staqsew għal persuni li huma kienu jafu.

Illi fil-fehma ta’ din il-Qorti ma jirrizultax bi provi ċari u univoċi li l-imputati spaċċjaw ruħhom bħala mpjegati tal-MTA. Mill-provi prodotti jidher li huma qassmu dan il-materjal in ‘buona fede’ u kif intebħu ta’ l-izball skużaw ruħhom. Hu veru li kieku aġixxew b’aktar attenzjoni dan id-disgwid ma kienx jiġri u jekk huma ħatja ta’ xi ħaġa huma ħatja ta’ kompartament li ma jilħaqx etika professjonali għolja għaliex imisshom ħadu ħafna aktar informazzjoni dwar dawn in-nies. Il-fatt li kien is-sibt ma jesonerax lill-imputati milli jippruvaw jikkuntattaw uffiċjal tal-MTA. Kieku staqsew għal ‘contact person’ ta’ dan il-grupp ma kien jiġri xejn spjaċevoli. Iżda dan ma jammontax għal reat kriminali li bih huma akkużati l-imputati.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputati ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħhom u għalhekk tilliberhom minn tali akkuża.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------